**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 47**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa , nhar it-Tlieta

Preżenti:

| | |
|---|---|
| John Schembri | Sindku |
| Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Eric Camilleri | Kunsillier |
| Lucia Massa | Kunsillier |
| Maria Magri | Kunsillier |
| Andrew Cassar | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

ĦADD

**Uffiċċjali Preżenti**: Karen Camilleri, Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa ġiet preseduta mis-**Sindku John Schembri**

1. **Apoloġiji**

   Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Viċi Sindku Kaeron Bruno talab li jkun skużat.

   Il-Kunsill approva l-apoloġija.

2. **Approvazzjoni Minuti Nru 45**

   Is-Sindku poġġa fuq il-mejda Minuti tas-Seduta Nru 45 li kienu ċċirkolati u ttieħdu bħala moqrija.

   Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

   Il-Minuti ġew approvat b'mod unanimu.

3. **Approvazzjoni Minuti Nru 46**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda Minuti tas-Seduta Nru 47 li kienu ċċirkolati u ttieħdu bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti ġew approvat b'mod unanimu.

4. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li nhar l-14 ta' Ġunju l-Kunsilli mħeġġa jinxtegħu binijiet u monumenti b'kulur aħmar, fl-okkażjoni tal-Jum id-Donaturi tad-Demm. Is-Sindku ppropona li tinxtegħel il-binja tal-Kunsill, l-Kunċizzjoni u Sant'Andrija.

4.2 Is-Sindku John Schembri nfurma li x-xogħol fuq il-letrina għaddej b'ritmu tajjeb. Fil-fatt sar ix-xogħol tal-konkos, ġie mgħoddi d-drenaġġ u d-dawl u llum kienu se jitwaħħlu l-pixxaturi.

4.3 Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa dwar katusa ħierġa minn taħt il-bankina. Is-Sindku John Schembri qal li din hija katusa tal-overflow tal-bejt.

4.4 Is-Sindku John Schembri nfurma li se ssir Quddiesa b'suffraġju għal ruħ il-mibki Victor Caruana, l-Ħamis 4 ta' Mejju fis-6.30p.m. fil-Kappella tal-Ftajjar.

4.5 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Kunsill applika għall-iskema sabiex jiġu mpjegati żewġ studenti sabiex jassistu fil-ħidma amministrattiva tal-Kunsill.

4.6 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Kunsill se jkun qed japplika ma' Jobsplus sabiex tinħareġ sejħa għall-Uffiċjal fi Skala 13, bil-għan li l-Kunsill jattira persuna li għandha l-esperjenza.

4.7 Is-Sindku John Schembri nfurma li sfortunatament ħadd ma wera nteress sabiex timtela l-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv

4.8 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Ħadd fit-8.30a.m. se jinżammu ċ-ċelebrazzjonijiet relatati mar-rebħ taċ-Championship ta' Luqa St Andrews.

4.9 Is-Sindku John Schembri nfurma li ġew installati s-CCTV Cameras fi Triq Patri Indri Schembri.

5. **Ħwejjeġ Oħra**

5.1 Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab li titwaħħal tabella sabiex ma jintremix skart fi Triq G.Triganze, filwaqt li semma l-kwistjoni ta' rimi ta' skart f'bosta toroq, b'mod abbużiv.

5.2 Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab li jsiru l-marki tal-parking fi Triq l-Iskola u triq Ġorġ Zahra.

5.3 Il-Kunsillier Eric Camilleri ġibed l-attenzjoni li l-locality sign fi Triq Valletta jinsab imkisser. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li diġa rrapurtat lill-kuntrattur responsabbli.

5.4 Is-Sindku John Schembri ppropona li tiġi nstallata Locality sign fi Triq Ħal Farruġ ukoll.

5.5 Il-Kunsillier Frederick Aquilina nfurma li hemm mera mkissra fi Triq ir-Rixtellu

5.6 Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa dwar is-sistema ta' One-Way traffic fi Triq l-Iskola u t-toroq tal-madwar. Is-Sindku John Schembri nfurma li se jkun qed jiltaqa' mal-uffiċjali ta' Transport Malta sabiex isir proġett holistiku ta' traffic management.

**6. Jum Ħal Luqa 2023**

Is-Sindku John Schembri nfurma li fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Luqa se ssir Quddiesa ta' Radd il-Ħajr u ċ-Ċerimonja ta' Tqegħid ta' Kuruni quddiem il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra.

Il-Kunsillier Eric Camilleri ppropona li ssir sparatura mill-Inguardia. Is-Sindku qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni, iżda ma fadalx wisq żmien.

Is-Sindku John Schembri nfurma li l-attivita' tar-Reġjun Nofsinhar skedata għat-3 ta' Ġunju għadha pendenti. Is-Sindku ppropona li titressaq proposta lir-Reġjun sabiex din l-attivita' tiġi posposta u ssir fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna taċ-Ċintura.

**7. Audited Financial Statements 2021**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-awdituri għaddew il-financial Statement għas-sena 2021 u kif mistenni l-Kunsill Lokali ħareġ b'surplus tajjeb ħafna.

**8. Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April.

Il-Kunsillier Lucia Massa ppropóniet l-approvazzjoni tal-iskeda. Il-Kunsillier Eric Camilleri ssekonda.

Il-pagamenti ġew approvati b'mod unanimu.

**9. Tmiem tal-laqgħa u Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 13 ta' Ġunju 2023 fil-5.30p.m.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm.

IFFIRMATA

John Schembri
Sindku

Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv